MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tas-26 ta' Jannar, 2011

Numru 1316/2006

## PULIZIJA
## SPETTUR RAMON MERCIECA
## VS
## ROBERT GATT

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Robert Gatt ta’ 22 sena, bien Giancarlo u Salvina nee’ Spiteri, imwieled Pieta’ nhar is-6 ta’ April 1984, residenti ‘Bini Carmage’ Flat No.2, Triq San Vincenza, Hamrun u detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru 197484(M);

Illi huwa akkuzat talli:

F’dawn il-Gzejjer, nhar is-16 ta’ Dicembru 2006 ghall-habta ta’ 15:00Hrs, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta’ haddiehor f’periklu car, ikkaguna hsara

fil-gisem jew fis-sahha u cioe attentat ta’ offiza ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Alan Chetcuti minn Bormla li jghix in-Naxxar, u dan billi wera dan il-hsieb b’atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta’ dan id-delitt billi ta daqqa bi strument li jaqta’ u bil-ponta fuq il-persuna ta’ Alan Chetcuti, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta’ tieghu;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, fil-hin li ghamel delitt kontra l-persuna kellu fil-pussess tieghu arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta’ arma tan-nar jew imitazzjoni ta’ arma regolari minghajr permess tal-Kummissarju tal-Pulizija;

U aktar talli fl-istess jum, data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament kiser il-paci pubblika u l-bon ordni b’ghajjat u glied;

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex f’kaz ta’ htija tipprovdi ghas-sigurta’ ta’ Alan Chetcuti minn Bormla li jghix in-Naxxar u tapplika l-provvedimenti ta’ Artikolu 383, 384 u 385 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali (a fol.38) u dak ta’ l-imputat (a fol.5) sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

PS Sergio Azzopardi (a fol.17 et seq.) xehed illi fuq l-istruzzjonijiet ta’ l-Ispettur Ramon Mercieca, huwa ha

tnejn u tletin (32)-il ritratt (Dok.CM1 sa Dok.CM32) u eleva *swabs* (Dok.CM33 sa Dok.CM36), cioe minn tbajja ta' kulur ahmar li gew misjuba fil-*Maypole Bakery* u minn ma' l-art biswit vettura Hyundai Accent bin-numru tar-registrazzjoni PJX 001.

Spettur Ramon Mercieca (a fol.28) xehed illi kien gie nfurmat minn PC950 Alan Buhagiar, li fi Triq Guze' Galea, l-Iklin, kien hemm glieda bejn zewg persuni u li wiehed minnhom sofra daqqiet ta' strument li jaqta' u bil-ponta. Spettur Mercieca acceda fuq il-post minnufih, sab lil Alan Chetcuti mixhut ma' l-art: "*Kellu xi dmiegha hierga minnu*," u l-ambulanza kienet gia' fuq il-post. Spettur Mercieca kkonferma li sab lil Robert Gatt li kien fejn il-karozza tieghu, Hyundai Accent tal-lewn abjad u bin-numru tar-registrazzjoni JPX 001. Kien qieghed ukoll fil-kumpanija tat-tfajla tieghu Charmaine Meilak. L-imputat gie arrestat u membri tas-SOCO waslu fuq il-post biex jaghmlu xogholhom. Spettur Mercieca xehed li, minn tfittxija preliminari, huwa ra mus li kellu ticpis ahmar fuqu, li kien qieghed fi speci ta' *hand-bag*.

Fl-istqarrija tieghu, l-imputat ammetta li kien uza dan il-mus biex jiddefendi lilu nniffsu kontra attakk spaccat mill-kwerelant.

Spettur Mercieca xehed illi l-imputat ikkowopera bis-shih mal-Pulizija, xehed illi huwa kien qed isuq il-karozza tieghu u ghafas il-*brake* f'salt, b'rizultat illi l-karozza ta' wara kienet ser tahbat f'tieghu izda ebda impatt fil-fatt ma sehh. L-imputat imbaghad waqaf quddiem il-*Maypole*, sabiex tinzel it-tfajla tieghu ghaliex toqghod fil-vicinanza u s-sewwieq tal-karozza ta' warajh hareg mill-karozza u beda jsawwat lill-imputat bl-addocc. Robert Gatt, fl-istqarrija tieghu, jghid illi huwa dilettant tas-sajd u kellu *hold-all* zghir, b'mus li juza ghas-sajd u ddefenda ruhu bih.

Spettur Mercieca xehed illi l-imputat, apparti li kkowopera bis-shih u minnufih mal-Pulizija, deher sobien b'dak li gara u kien qed jitriehed. Spettur Mercieca ezebixxa certifikat Dok.RM1, tal-griehi subiti mill-kwerelant, certifikat tat-twelid u fedina penali ta' l-imputat (Dok.RM2 u Dok.RM3

rispettivament). Spettur Mercieca ezebixxa l-kunsens ta’ l-Avukat Generali (Dok.RM4).

Spettur Mercieca xehed li kien is-Surgent tieghu li ha l-ewwel verzjoni tal-kwerelant Chetcuti. Spettur Ramon Mercieca xehed li wara li Chetcuti hareg mill-Isptar, huwa mar ikellmu u dana ammetta mieghu li kellu argument ma’ l-imputat u li kien hu li mar u refa idejh fuq l-imputat u li wara spicca qala’ daqqa ta’ sikkina.

Chetcuti stqarr illi fuq il-post kien hemm Pulizija li ntervjena u firidhom.

Spettur Mercieca xehed illi huwa kellem ukoll il-persuni li raw dan l-incident u cioe zewg (2) persuni ta’ nazzjonalita’ barranija u dawn ukoll ser jigu prodotti bhala xhieda fil-kawza.

In kontro ezami, Spettur Mercieca gie mistoqsi jekk mill-investigazzjonijiet li ghamel irrizultalux li: *“Alan Chetcuti mar fuq il-karozza ta’ l-akkuzat, fetah il-bieb tal-karozza ta’ l-akkuzat u beda jghati bis-sieq lill-akkuzat li kien ghadu gol-karozza”* u rrisponda: *“Hekk irrizultaw il-fatti iva.”* (ara fol.32)

Alan Chetcuti kkonferma illi huwa kien qieghed isuq wara l-karozza ta’ l-imputat u *“waqafli bil-karozza f’daqqa.”* (ara fol.39) Chetcuti xehed illi ghamillu sinjal biex jurih li setghu habtu u nduna li l-konvenut beda jirrabja:

*“Kif rajtu ha jiftah il-bieba jien ma tajtux cans ghax ghidt ha jigi ghalija.”* (ara fol.40) *“…imbaghad kif rajtu ha johrog speci dhalt go fih jien u tajtu daqqa ta’ siq u sakemm dawwart wicci, hassejt id-demm…hassejt xi haga kiesha u kif ghollejt il-flokk rajt id-demm niezel.”* (a fol.40)

Alan Chetcuti xehed illi: *“Kull ma rajt xi haga tleqq minn taht l-ghajnejn”* (a fol.40) u qal lil Pulizija li qala’ daqqa ta’ sikkina minghand l-imputat. Chetcuti xehed illi t-tfajla ta’ l-imputat kienet harget tghajjat mill-karozza u sakemm

dawwar wiccu ra xi haga tleqq u qala' d-daqqa. A fol.42, Chetcuti xehed li hu ma tax daqqiet ta' ponn f'wicc l-imputat u tah biss daqqa ta' sieq wahda u ma jafx fejn laqtu.

In kontro ezami, il-kwerelant Chetcuti jghid illi kien it-tlieta ta' wara nofsinhar (3:00p.m.), kien ghadu kemm spicca mix-xoghol u li kien ghaddej mit-triq ta' wara l-*Maypole*. Illi huwa pinga skizz li tidher a fol.50 fejn immarka bl-ittra 'C' fejn l-imputat kien waqaf bi *brake* f'salt. Immarka wkoll il-karozzi kif waqfu quddiem il-*Maypole* ta' l-Iklin. Jirrizulta mill-iskizz illi l-imputat ipparkja fl-*splay* li hemm quddiem il-*Maypole*, b'mod li l-*van* tal-kwerelant seta' facilment baqa sejjer fi triqtu:

Domanda: *"Jigifieri inti stajt facilment tibqa' ghaddej ghall-affari tieghek, hux hekk?*

Alan Chetcuti: *"Iva."* (ara fol.44)

Alan Chetcuti kkonferma wkoll illi huwa, f'ebda mument, ma habat mal-karozza ta' l-imputat. Chetcuti xehed illi l-imputat ma offendihx jew ghamillu xi sinjal oxxen. B'riluttanza kbira, Alan Chetcuti kkonferma illi kif ra li l-imputat fetah il-bieba tal-karozza tieghu, kien hu li mar ghalih u tah daqqa ta' sieq meta l-imputat kien ghadu bilqeghedha fuq id-*driver seat* tieghu (ara xhieda a fol.46). Ikkonferma wkoll illi f'mument tilef iz-zarbuna u din giet konsenjata lilu l-Isptar. Chetcuti jinnega li l-Pulizija kienu raznuh u jghid illi waqaf wahdu. A fol.47, il-kwerelant Alan Chetcuti jammetti li hu jitrenja fil-*kick boxing*. Mitlub mill-Qorti, r-raguni il-ghaliex huwa ma baqax sejjer fi triqtu, gia' la darba kellu spazju ampju biex jaghmel dan, il-kwerelant jghid illi meta fetah il-bieba l-imputat, haseb li kien gej ghalih.

Domanda: *"Inti lil min tibza' minnu, tmur ghalih?"*

Alan Chetcuti: *"Inti tiddefendi ruhek jekk tibza minn xi hadd jew titlaq tigri."* (a fol.49).

Alan Chetcuti baqa jinnega illi kien hu li mar u agredixxa lil Robert Gatt.

PC 695 Michael Borg xehed li fid-data ta' l-incident huwa kien spicca minn fuq ix-xoghol u li kien sejjer lura d-dar tieghu, l-Iklin. Vicin tieghu waqfet *van* Toyota fejn il-*Maypole* u hareg jigri s-sewwieq u mar ikellem lil tal-Honda. Fi ftit sekondi bdew jiggieldu u hu telaq jigri biex iferraqhom. Meta ferraqhom, huma t-tnejn kienu barra mill-karozzi taghhom. Ikkonferma illi l-karozza ta' l-imputat kienet ipparkjata normali quddiem il-*Maypole* waqt illi l-*van* tal-kwerelant waqaf fin-nofs ta' l-*stop sign* fi triq illi hemm quddiem il-*Maypole*. PC 695 Michael Borg xehed illi meta l-kwerelant mar ikellem lill-imputat fil-Honda tieghu, l-imputat kien ghadu bil-bieba tal-karozza tieghu maghluqa (ara xhieda a fol.55). PC 695 Michael Borg ikkonferma illi f'idejn l-imputat ma ra xejn u li l-kwerelant qallu li kien qala daqqa ta' sikkina.

Dr. Alan Drago, permezz ta' affidavit (a fol.60) ikkonferma illi l-griehi ta' Alan Chetcuti kienu hfief u kkonferma certifikat mediku (a fol.61).

PS 950 Alan Buhagiar xehed illi huwa mar fuq il-post wara li rcieva rapport. Ikkonferma r-rapport u x-xhieda ta' l-Ispettur Mercieca. Buhagiar ikkonferma li nstabet sikkina fuq il-post u giet elevata mis-SOCO u gie arrestat l-imputat. Giet ezebita okkorrenza (a fol.67 et seq.) u kkonferma l-kontenut taghha.

Charmaine Meilak (a fol.71 et seq.) xehedet illi hija kienet fil-karozza ma' l-imputat u waqfu ftit qabel l-*stop sign*, hdejn il-*Maypole* u sakemm kienu ghadhom marbutin bis-*seat belt*, semghat il-bieba tal-karozza ta' Robert tinfetah, rat guvni b'idejh igranfati mas-saqaf tal-karozza, li beda jaghti bis-sieq lil Robert Gatt kemm jiflah.

Meilak ikkonfermat illi harget tghajjat u twerzaq mill-karozza u pprovat tigbed lil dan il-persuna minn fuq l-gharus taghha, li kien ghadu marbut fil-karozza. Dan il-guvni beda jghajjarha hafna kliem hazin u f'dan il-mument

Robert Gatt hareg mill-karozza. Dan il-guvni rega beda jsawwat lil Robert sakemm gie Pulizija u ferraqhom. Hija xehedet illi dan il-guvni beda jgholli l-flokk u jghid lil Pulizija, *“Ara x’ghandi.”* Meilak xehedet li hija ma ratx lil Robert igib xi haga minn gol-karozza. Meilak ikkonfermat illi l-kwerelant ta bis-sieq lill-imputat (go wiccu, go sidru) *“Bid-daqqiet tela fuqi”* (ara xhieda a fol.73). Il-kliem hazin indirizzati lejha huma dawk li jidhru f’fol.73.

Paul McAllistair (a fol.75 et seq.) ikkonferma li waqt illi kien qed ihallas il-*casher* tal-*Maypole* ta’ l-Iklin, hu ra dan l-incident:

*“Yes, when I was being served, there was a car parked outside, suddenly a van stopped, I saw somebody come from round the back of the van and he was striking the person in the car…hitting him punching.”*

Paul McAllistair xehed illi l-persuna agredita kienet il-hin kollu fil-karozza (ara xhieda a fol.75 u fol.76).

Caroline McAllistair xehedet illi hija kienet qeghedha go karozza pparkjata, waqt li r-ragel taghha mar jixtri halib u hobz minghand il-*Maypole*:

*“F’daqqa wahda gie van abjad, waqaf quddiem l-entratura tal-Maypole, ragel hareg jigri u kull ma smajt ghajjat, imbaghad f’daqqa wahda kien hemm il-Pulizija.”*

Ftit wara rat ragel mixhut ma’ l-art b’xi demm. McAllistair ikkonfermat (a fol.78) li x-xufier tal-*van* hareg jigri.

A fol.89, l-imputat xehed li waqt illi huwa kien qieghed l-Iklin, mat-tfajla tieghu, waqfu biex jixtru minghand il-*Maypole* u sakemm qed jiddiskutu x’ghandhom bzonn, xi hadd fetah il-bieba tad-*driver* tal-karozza tieghu u qala’ daqqa go wiccu:

*"Kif dawwart wicci, nara guvni b'idu, hekk, mas-saqaf tal-karozza tieghu u beda jaghtini bis-sieq go wicci. Jien dak il-hin ippanikjajt."*

Ikkonferma illi t-tfajla tieghu lahqet harget mill-karozza u bdiet tghajjat ma' dan il-guvni, izda hu kien ghadu marbut bis-*seat belt* u baqa jtih bis-sieq. L-imputat xehed illi sar jaf, minn fuq il-gazzetti, li l-kwerelant kien dilettant tal-*kick boxing* u kkonferma li beda jtih '*shock-kicks':*

*"Jiena ftakart li dak il-hin kelli l-mus tas-sajd, li kien gol-kaxxa, fuq wara tal-karozza u bdejt sejjer, hekk, b'idi, biex niprova naqbad xi haga biex imbezzghu biha."*

L-imputat jghid illi dak il-hin gie l-mus f'idu: *"Jien xejjirt daqqa bil-biza'."* L-imputat ikkonferma illi, meta ta d-daqqa, hu kien ghadu marbut bis-*seat belt.* Ezebixxa (a fol.95) gazzetta tas-6 ta' Novembru 2008, li tikkonferma li Alan Chetcuti kien dilettant tal-*kick boxing*.

In kontro ezami, l-imputat ikkonferma li huwa xejjer daqqa b'dan il-mus: *"In a backhand movement, in a diagonal way,"* (ara fol.92) u ma ndunax li kien, fil-fatt, laqqtu. Kien biss, meta l-kwerelant gholla l-flokk illi nduna li verament kien laqqtu.

Spettur Ramon Mercieca (a fol.96) illi kienu ttiehdu proceduri kriminali kontra l-kwerelant, izda ma kienx jaf bir-rizultanzi taghhom.

Ikkunsidrat:

Mill-assiem tal-provi jirrizulta, b'mod l-aktar evidenti, u dana minn xhud indipendenti, l-manjiera mannesk, illi biha l-kwerelant, semplicement, il-ghaliex il-kwerelant ghafas il-*brake* f'salt, hareg mill-karozza tieghu, telaq b'girja ghal fuq l-imputat, li kien ghadu marbut bis-*seat belt* u tah xeba daqqiet ta' sieq go wiccu, f'sidru u f'zaqqu, bla kliem u bla sliem. Illi waqt dan l-attakk, minn persuna dilettant sew tal-*kick boxing* (ara l-gazzetta ezebita), l-imputat kien ghadu

marbut bis-*seat belt*, li, fil-paniku li qabdu, ma setghax jinhall minnu. L-imputat beda b'mod cek, beda jfittex ghal xi haga (waqt li kien ghadu mazrat fis-*seat belt*) li biha setgha jiddefendi ruhu u gie l-mus (li kien juza ghas-sajd) ghall-idejh u xejjer daqqa wahda lill-agressur tieghu. Il-Qorti, wara li fliet bir-reqqa x-xhieda ta' Alan Chetcuti, ma ssib ebda xrara ta' kredibbilita' f'dak li jghid u jirrizulta b'mod lampanti, li huwa kien l-agressur, li minghajr ebda kagun, iddecieda li jattakka lill-imputat, semplicement, il-ghaliex kien *kick boxer* u l-imputat kien ta' statura ferm iktar zghira minnu.

Il-Qorti, f'dan ix-xenarju, trid tezamina kemm-il darba jissussistux l-elementi ta' legittima difesa.

Fis-sentenza pronuncjata minn l-Onorabbli Prim Imhallef Dr. Vincent De Gaetano fil-kawza **Il-Pulizija vs. Augusto Auguliaro** deciza fis-26 ta' Awwissu 1998 gie ritenut is-segwenti:

*Mhux kull min "jagixxi biex jiddefendi ruhu necessarjament jista' jinvoka l-Artikolu 223 tal-Kodici Kriminali. Il-ligi titkellem car dwar "il-<u>bzonn attwali</u> ta' difiza <u>legittima</u>" ta dak illi jkun jew ta' haddiehor. Kemm fid-dutrina kif ukoll fil-gurisprudenza taghna, huwa ormai stabbilit li biex wiehed jista' jinvoka din l-iskriminanti,* ***l-aggressjoni subita trid tkun ingusta, gravi u inevitabbli. L-element ta' l-inevitabbilita jigi nieqes*** *meta wiehed minnflok ma jevita l-inkwiet, ossia l-glied illi jara gej, meta dan jista' b'mod ragonevoli jigi hekk evitat****, imur minghajr raguni valida jaffrontah b'mod li jipprecipita hu stess il-konfront fiziku."***

**Illi di piu' kif tajjeb jintqal minn Lord Justice Widgery fil-kawza Police vs. Julien (1967) 1WLR839:** ***it is not ... the law that a person threatened must take to his heels and run in the dramatic way suggested by Mr. McHale; but what is necessary is that he should demonstrate by his actions that he does not want a fight. He must demonstrate that he is prepared to temporise and disengage and perhaps to make some physical withdrawal, and that that is necessary as a***

***feature of the justification of self defence is true in our opinion, whether the charge is homicide charge or something less serious.”*** (at page 843)

Illi minn fuq espost, jidher bic-car li l-attakk tal-kwerelant kien ingust, gravi u inevitabbli, huwa evidenti l-imputat, korrettament, agixxa b’legittima difeza u bl-ebda mod ma agixxa sproporzjonatament ghall-agressjoni ngusta li rcieva. **Jirrizulta illi l-kwerelant qala daqqa wahda biss u li l-greha tieghu kienet wahda ta’ natura hafifa** kif jirrizulta mic-certifikat u l-affidavit ta’ Dr. Drago.

Di piu’, gie provat, *on a balance of prabability,* li l-imputat huwa dilettant tas-sajd u li din is-sikkina kienet tintuza ghal dan id-delizzju.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti ssib lill-imputat Robert Gatt mhux hati a kawza ta’ legittima difeza ai termini ta’ l-Artikoli 221, 223 u 224 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------